Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Novembru 2026
(OR. en)

12782/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0345 (NLE)

COPEN 313
JUSTCIV 134
FREMP 344
JAI 1093

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 594 annex
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat, fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 594 annex.

Mehmuż: COM(2026) 594 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2026
COM(2026) 594 final

ANNEX 1

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat, fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali

ANNESS 1

DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 3, TAL-KONVENZJONI

L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") tqis li l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat ma taffettwax ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw l-ambitu u l-kundizzjonijiet tal-privileġġ professjonali legali applikabbli fi proċedimenti għall-infurzar tad-dritt tal-Unjoni, kif determinat mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 18, PARAGRAFU 3, TAL-KONVENZJONI

L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") tifhem li l-kontribuzzjoni tagħha għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Protezzjoni tal-Avukati (GRAVO) u l-Kumitat tal-Partijiet ser tiġi stabbilita mill-Kumitat tal-Ministri, wara ftehim mal-Unjoni dwar il-kalkolu ta' tali kontribuzzjoni, filwaqt li jitqies li l-Unjoni taderixxi mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukati flimkien mal-Istati Membri tagħha.

DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 19 TAL-KONVENZJONI

F'konformità mal-Artikolu 19, il-paragrafu 1, tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat (il-"Konvenzjoni"), l-Unjoni Ewropea b'dan tispeċifika li l-Konvenzjoni għandha tapplika, fir-rigward tal-Unjoni, għat-territorji li fihom japplikaw it-Trattati tal-UE skont l-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u bil-kundizzjonijiet stabbiliti, fost l-oħrajn, fl-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). B'mod partikolari, b'kont meħud tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Unjoni Ewropea tinnota li l-Konvenzjoni, fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, mhijiex applikabbli fir-rigward tad-Danimarka. [Barra minn hekk, b'kont meħud tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Unjoni Ewropea tinnota li l-Konvenzjoni fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, mhijiex applikabbli fir-rigward tal-Irlanda.]

DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 20 TAL-KONVENZJONI

F'konformità mal-Artikolu 20, il-paragrafu 1, tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat (il-"Konvenzjoni"), l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") tiddikjara li, għall-finijiet tal-Artikolu 3, is-subparagrafu a, tal-Konvenzjoni, avukat għandu jfisser kwalunkwe persuna fiżika li tkun kwalifikata u awtorizzata biex tipprattika l-professjoni ta' avukat taħt wieħed mit-titoli professjonali msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), tad-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 biex tiġi ffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fi Stat Membru għajr dak li fih tkun inkisbet il-kwalifika u li ma tkunx marbuta mal-klijent tagħha b'relazzjoni ta' impjieg.

RIŻERVA TAL-UNJONI EWROPEA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 21 TAL-KONVENZJONI

L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") b'dan tiddikjara li tirriżerva d-dritt li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1, is-subparagrafi b, c u i, tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat ("il-Konvenzjoni") għal aġenti li jirrappreżentaw l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, li huma, f'konformità mal-Artikolu 2, il-paragrafu 3, is-subparagrafu b, tal-Konvenzjoni, rikonoxxuti minn qorti jew tribunal internazzjonali, jew korp stabbilit minn organizzazzjoni internazzjonali, bħala kompetenti biex jaġixxu fi proċedimenti quddiemu meta jagħtu pariri dwar tali proċedimenti jew jaġixxu fihom.